# Aġġornata: Ir-Russja ma taċċettax l-istedina tal-EBU

Minn **George Cremona** - 23 ta' Marzu 2017 5:45 PM



**19.39:** Ir-Russja fi stqarrija wieġbet lill-EBU li mhix se tilqa' l-istedina li tieħu sehem fil-Eurovision permezz tas-Satellita. Id-diriġenti tal-istazzjon Russu qalu li l-Ukrajna qed tikser ir-regoli tal-Festival li jistipolaw li min jaċċetta li jospita l-festival irid jaċċerta li tinħareġ visa u permess għal kull kontestant ieħor, ġej minn fejn ġej. Ir-Russi qalu li dan mhux il-każ u qed iħossuhom diskriminati bl-aġir tal-Ukreni.

**Aktar qabel**

Wara li fis-sigħat li għaddew tħabbar li l-kantanta Russa mhix se titħalla mill-Ukreni tidħol fil-pajjiż biex tikkompeti waqt il-Eurovision 2017 kompliet il-botta u risposta bejn ir-Russja u l-Ukrajna.

Il-miżura ttieħdet peress li skont l-Ukrajna, il-kantanta daħlet illegalment fl-Ukrajna fis-sena 2015 biex tkanta waqt kunċert.

Il-European Broadcasting Union li torganizza l-festival qalet li bħala alternattiva qed tippermetti li għall-ewwel darba f'62 sena ta' Eurovision, ir-Russja tista' tipparteċipa xorta waħda permezz tas-satellita.

Dan ifisser li l-EBU qed tippermetti li l-kantanta Russa fis-siġġu tar-roti Julia Samoilova,  tibqa' r-Russja u xħin ikun imissha tkanta, tidher flok fuq il-palk, permezz tas-satellita b'filmat li jixxandar dirett mir-Russja.

Issa li l-ballun qiegħed f'saqajn ir-Russi, jonqos wieħed jistenna jekk l-istazzjon Channel one tar-Russja hux se jaċċetta l-proposta jew le.

Jekk l-istedina tiġi milqugħa dan kollu jiġri waqt it-tieni serata tas-semi-finali li matulha se tipparteċipa Malta.

Jekk ir-Russja tgħaddi għall-finali, l-EBU saħqet li l-istess metodu tas-satellita jista' jintuża wkoll waqt is-serata finali.

**Newsbook.com.mt** jibqa' jaġġornak bl-aħħar żviluppi dwar il-Festival.

Ritratt: Frivolette


**George Cremona**

Former Newsbook Journalist